# Ir-Restawr tal-Kwadru u l-Artal tal-Madonna taċ-Ċintura

*Is-Sinjuri Paul Zammit u Massimo Zahra mill-Fratellanza Madonna taċ-Ċintura*



**Il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura**

It-twaqqif tal-fratellanzi tal-Madonna taċ-Ċintura fil-parroċċi Maltin jafu l-bidu tagħhom lill-Patri Fulġenz Gauċi li kien għamel żmien f'universita' Gregorjana f'Ruma u li miegħu ġab din id-devozzjoni. L-ordni Agostinjan li tiegħu Patri Fulġenz kien jagħmel parti, kellu din id-devozzjoni Marjana lejn il-Madonna taċ-Ċintura, tal-Bon Kunsill u dik tas-Sokkors. F'dawk iż-żminijiet il-patrijiet kienu diġa' daħlu f'Malta imma bis-saħħa ta' dan il-patri dawn id-devozzjonijiet ħadu aktar saħħa. Patri Fulġenz beda jdur l-irħula ta' Malta u jwaqqaf il-Fratellanzi taċ-Ċintura, bl-ewwel waħda tkun dik ta' Ħ'Attard. Taż-Żejtun twaqqfet fiż-żmien il-kappillan Dun Lawrenz Mallia bejn l-1734 u l-1736. Qabel ma sar kappillan kien prokuratur tal-bini tal-knisja parrokkjali. Il-fratellanza ġiet approvata mill-Isqof Mons. Alpheran de Bussan u bit-tħabrik tal-Markiż Neriku Testaferrata. Il-fratellanza ġiet amalgamata ma' dik ta' Bologna kif insibu fl-arkivji tal-kurja tal-24 ta' Lulju 1747.

**Il-Kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura**

Dan il-kwadru huwa attribwit lil Francesco Zahra. Fil-kitba ta' Raymond Miċeli fil-gazzetta In-Nazzjon tat-Tlieta, 30 ta' Jannar 2018, jgħid li dan ix-xogħol sar meta Zahra kien fil-bidu tiegħu u kien għadu fil-bottega ta' Ġannikol Buhaġiar fl-1730 qabel ma ġiet imwaqqfa l-Fratellanza. Fil-kwadru li naraw illum, naraw lill-Madonna bil-Bambin f'idejha tagħti ċ-ċintura lil Santa Monika. Marbuta mal-istorja tal-qaddisa jingħad li tant kienet imnikkta bil-ħajja xejn sabiħa tat-tifel tagħha Wistin, li kienet deheritilha u biex tikkunslaha tagħtiha ċ-Ċintura tagħha. Figura oħra hija dik ta' Santu Wistin, Isqof ta' Ippona. Wistin kif diġa' semmejna kien għex ħajja xejn sabiħa, fil-fatt kellhu tifel qabel iż-żwieġ, Adeodatu. Huwa sab il-konverżjoni tiegħu għall-fidi Kristjana fl-Isqof San Ambrogeo fiż-żmien li kien Milan. Dawn huma ż-żewġ figuri li minnha l-ordni Agostinjan xerred id-devozzjoni tal-Madonna taċ-Ċintura. Taħt insibu l-qaddis San Ġwann l-Evanġelista , figura marbuta mal-familja Testaferrata. Jidher li l-artal bħal dak ta' pariġġu ta' San Girgor, kienu ngħataw lill-familja b'rispett tal-benefattur Grigor Boniċi. Il-figura l-oħra hija ta' San Lawrenz martri, il-qaddis fundatur tal-artal, Dun Lawrenz Mallia. Interessanti l-fatt li fil-mużew parrokkjali nsibu lampier tal-fidda li fih ix-xbihat ta' San Lawrenz, San Ġwann l-Evanġelista u l-figura tal-Kunċizzjoni li jista' jagħti l-każ li l-kwadru kien iddedikat lill-Kunċizzjoni, lil San Ġwann l-Evanġelista u lil San Lawrenz. Wara ftit żmien ġiet imwaqqfa l-fratellanza u ġiet impittra l-figura tal-Madonna, Santa Monika u Santu Wistin. Dan żgur li jista' jkun aktar aċċertat fl-arkivji tal-kurja speċjalment fil-visti pastorali.

**Ir-Restawr tal-Kwadru u l-Artal**

Il-Kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura kien ilu snin jinħass li wasal għar-restawr. F' interventi li saru mill-pittur Ġużeppi Caruana fl-1923, kien diġa' fis-stat ħażin ħafna u bil-ftit mezzi ta' dak iż-żmien ipprova jirrestawra kif hemm miktub fil-kontijiet li nsibu fl-arkivju parrokkjali. Bis-saħħa tar-riformi tal-fratellanzi li saru fil-parroċċa, il-fratellanzi taw bidu għal diversi proġetti. Il-Fratellanza taċ-Ċintura ħasset li l-prijorita' jkun ir-restawr tal-Kwadru. F' April 2017 ġie meħud fil-laboratarju tad-ditta PrevArti fil-Mosta. Fil-ktieb ta' tifkira tal-kxif tal-kwadru nhar is-26 ta' Jannar 2018, insibu miktub li l-pittura kellha ħsara kbira minħabba l-fraġilta' ta' saff żebgħa li kienet qed tinqala' u tfaqqa' kullimkien. Il-verniċ kien



*ikompli....*



skura u sfar biż-żmien u għalhekk il-pittura ġiet tidher iżjed skura u matta milli fil-fatt kienet fil-bidu. Matul ir-restawr iż-żebgħa fraġli kienet rinforzata sabiex ma tintilifx u biex tissaħħaħ il-kundizzjoni tagħha. Il-verniċ u s-saffi ta' żebgħa żejda ġew imneħħija u l-inforra qadima ġiet mibdula. Wara tindif, il-partijiet nieqsa ġew mimlija u ntegrati bl-użu ta' kuluri ta' verniċ billi ntuża l-metodu tratteggio. Bil-konservazzjoni tal-pittura din l-opra tal-arti issa tista' tiġi apprezzata aħjar mill-pubbliku.

Dan ir-restawr ma kienx ikun possibli li ma sibniex l-għajnuna mill-Fond Kawżi Ġusti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi u r-restawratur tad-ditta PrevArti Pierre Buġeja. Sar xogħol ta' restawr tal-artal mill-marmista Ronnie Pisani, u nħadmet ingwarniċa ġdida tar-ram mill-familja Cassar. Sar xogħol ta' żebgħa tan-nava b'mod volontarju minn Karmenu Schiavone u nħadem xogħol ta' induratura f'diversi partijiet tan-nava, fl-ingwarniċa tal-kwadru u tas-sotto kwadru ta' San Gejtanu minn John Pace. Ix-xogħol tad-dawl b'mod volontarju sar minn Joseph Brownrigg. Ix-xogħol kollu sar taħt is-superviżjoni ta' Dun Ġino Gauċi. Dawn l-affarijiet saru bl-għajnuna finanzjarja tal-membri tal-fratellanza taċ-Ċintura u ta' diversi benefatturi u ditti.

Il-qofol ta' kollox kien nhar is-26 ta' Jannar 2018. Dakinhar saret ċelabrazzjoni Marjana mmexxija mill-provinċjal Patri Raymond Francalanza OSA, flimkien mal-membri Agostinjani u l-kleru tal-parroċċa, li fit-tmiem it-talba tal-għasar, Pierre Buġeja ta dettalji dwar ir-restawr. L-Arċipriet Dun Nikol Pace u r-rettur Ismael Cocker kixfu l-kwadru. Biex tfakkar din il-ġrajja, il-fratellanza flimkien mal-Maltapost ħarġu folder filateliku kommemorattiv li kien fih enevelop bit-timbru maħruġ mill-Maltapost ittimbrat bid-data tas-26 ta' Jannar 2018, żewġ folji ta' bolol, kartolina kommemorattiva u santa tal-bizzilla. Dan il-proġett seħħ biex jiġi ppreservat il-wirt li ħallew ta' qabilna u tfakkar tant nies li ħadmu biex ħallew opri bħal dawn li mhux biss jesprimu opri tal-arti imma bħala espressjoni ta' fidi nisranija.



